# 330. Frenċu

Frenċu kien xħiħ iżżejjed,
u qatt ma kiel sa xeba';
lil ħadd sold ma kien jagħti,
l-anqas jekk jaqla' xebgħa.

Darba Frenċ kien sa jegħreq,
u ħass li biex jisgiċċa
ried jagħmel wegħda kbira
lil Omm t'Alla tan-Niċċa:

Dik l'hemm fuq xifer l-Aħrax,
weħidha fuq il-plier,
u ġarra żejt hu wegħedha
għad-dawl ta' ġol-lampier.

Frenċu mill-għarqa ħeles,
u xtaq li jagħti ż-żejt,
'mma xħin il-flus ried joħroġ
tagħtu tixjira mejt,

U bl-ebda mod ma seta'
minn flusu li jinferaq;
biex rat id-dawl Omm Alla
kellha tagħmel il-beraq!